MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2004

Numru 99/99

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)
vs
Antione sive David Monsigneur

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Antoine sive David Monsigneur, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 49071(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-12 ta' Lulju, 1997 ghall-habta tal-4.15 p.m. ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni D 8424, liema serq li huwa ikkwalfikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (LM 1,000) kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta' Carmel Micallef minn Naxxar;

Kif ukoll f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, saq il-vettura D 8424 b'manjiera traskurata u perikoluza u b'velocita eccessiva;

Kif ukoll talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi li saru definittivi;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minhabba li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna l-konfiska tal-licenzja tas-sewqan ta' Antoine sive David Monsigneur, ghal dak il-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tad-9 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm miktub :
(a) fl-Artikolu 261 (c) (g), 267, 271 (g), 279, 280 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65;
(c) fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn dina l-Qorti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi minkejja l-fatt illi l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza fil-25 ta' Jannar, 2002, id-difiza baqghet ma tellghet l-ebda prova. Il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal taghha tad-29 ta' Ottubru, 2002 fejn wissiet lill-imputat illi jekk fis-seduta sussegwentement ma kien ser isir xejn, il-Qorti kienet ser tghaddi ghas-sentenza. Fit-30 ta' Jannar, 2003, is-seduta li kien imiss, l-Ufficjal Prosekutur esebixxa certifikat mediku tal-imputat u l-Qorti iddifferiet il-kawza fuq talba tad-difiza ghall-15 ta' April, 2003, liema seduta ma saritx peress illi l-Magistrat Sedenti kienet indisposta. Fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2003 rega' ma sar xejn peress illi l-imputat rega' esebixxa certifikat mediku. Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003 deher l-imputat, izda l-avukat

difensur tieghu imsejjah tlett darbiet ma deherx u fis-7 ta' Novembru, 2003 rega' deher l-imputat, izda l-Avukat difensur tieghu imsejjah tlett darbiet rega' ma deherx u kien ghalhekk illi l-Qorti kellha differixxi l-kawza ghas-sentenza u dana peress illi ma setghetx tippermetti aktar telf ta' hin f'din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-12 ta' Lulju, 1997 PC234 u PC1135 tal-mobile squad kienu qeghdin jaghmlu 'police patrol' f'akkwati tal-Mellieha, hdejn il-Belleview restaurant u gew imwaqqfa minn persuna li infurmathom li kien ghadu kif ghadda ragel isuq van minn hdejnhom b'velocita qawwija hafna u li dan il-van kien mar fid-direzzjoni tal-Mistra. Huma immedjatament bdew 'patrols' f'dawk l-akkwati u meta waslu fejn l-istazzjon tal-fire brigade ix-Xemxija raw il-van in kwistjoni li kien tal-marka Isuzu numru ta' registrazzjoni DB 424, li kien qieghed jigi misjuq b'manjiera perikoluza u traskurata u b'velocita qawwija. Huma ghamlu s-sinjal lis-sewwieq biex jieqaf, izda dan ma waqafx, baqghu jigru warajh u meta waslu fl-akkwati tal-Mosta kellhom jieqfu peress illi kellhom hsara fil-vettura. Il-van baqa' jigi segwit mill-pulizija illi irnexxielha tarresta lis-sewwieq ta' dan il-van. Gara illi l-van Isuzu kien gie abbandunat fi Triq Domenico Cachia Birkirkara u PC 247 u PC 1473 kienu raw lill-imputat fuq imsemmi jahrab minn fuq il-post permezz ta' vettura tal-ghamla Subaru, izda ma irnexxielhomx jaraw in-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura.

Illi fil-frattemp Carmel Micallef, li joqghod Maria Bambina Triq il-Qoton in-Naxxar, kien irrapporta lill-pulizija li kien hareg mill-van tieghu biex jixtri pakkett tas-sigaretti, halla l-van mixghul u miftuh u kif hareg mill-hanut ma sabx il-van tieghu.

Illi l-pulizija hasset in-necessita li issejjah l-ghassa lill-imputat fuq imsemmi. L-imputat gie mitkellem wara li gie moghti s-solita twissija u huwa ammetta li kien seraq dan il-van. L-imputat qal lill-pulizija illi dakinhar in kwistjoni kien ma certu Charles Zammit u meta kien ghaddej

mieghu mill-Mellieha raw dan il-van u Zammit kien incitah biex jisraq il-van u hu biex ma jaqax ghac-cajt fil-fatt serqu. L-imputat ammetta wkoll mal-pulizija li kien jaf li l-pulizija kienu qeghdin isegwuh u kien harab permezz ta' vettura Subaru ma Charles Zammit minn fuq il-post, u cioe' Birkirkara. Il-pulizija sejjhet ukoll lil dan Charles Zammit, taghtu s-solita twissija, izda Charles Zammit cahad l-incident kollu. Il-pulizija kelmet ukoll lil Charles Micallef, sid il-van misruq, illi qal lill-pulizija illi kien xtara l-van ghas-somma ta' xi elf u sitt mitt lira (LM1,600). L-Ispettur Bartolo xehed illi inizjalment l-imputat kien qalilhom li kien jismu David Monsigneur u mhux Antoine sive David Monsigneur u ghalhekk il-pulizija nizzlet fl-istqarrija tieghu ismu bhala David Monsigneur. L-Ispettur Bartolo xehed ukoll illi l-van bhalissa qieghed ghand sidu is-Sur Micallef.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal lill-pulizija illi dakinhar in kwistjoni kien ha hafna pilloli dalmaine u valium u kien xorob ukoll hafna grokkijiet tal-Vodka u dana biex inehhi ftit mill-“withdrawal symptoms” tad-droga.

Illi l-imputat ammetta illi beda isuq mghaggel hafna tant illi ghalkemm il-pulizija kienu lahquh irnexxielu jahrab u, baqa isuq ghal Bugibba. Huwa qal ukoll fl-istqarrija tieghu illi irnexxielu jilhaq lill-“Qus”, dahal fil-karozza mieghu, abbanduna l-van f'Birkirkara, u rema' c-cwievet tal-van fl-inhawi ta' fejn iltaqa mal-“Qus”, pero' ma ftakarx fejn remihom, izda jaf li kien x'imkien Birkirkara. L-imputat baqa' jghid illi l-“Qus”, jigifieri Charles Zammit, kienu waslu hdejn il-Poliklinika ta' Rahal Gdid u hallih hemm u hemm hekk kien hemm pulizija li staqsih jekk kellux xi jghid ma xi hadd u jekk kienx mar jiffirma u hu kien qallu li kien ser jidhol il-Poliklinika ghax qieghed ihossu ma jiflahx. Meta kien fil-poliklinika gew ghalih il-pulizija u nizzluh id-depot.

Illi xehdu il-pulizija fis-sens illi l-imputat beda isuq mghaggel hafna meta induna li l-pulizija kienu qeghdin isegwuh. Huwa beda izid fl-ispeed. Meta marru hdejh bil-karozza taghhom, hu ipprova irrosshom u fil-fatt il-pulizija kellhom jintefghu warajh. Il-pulizija xehdu ukoll illi

Bugibba kien hemm xi nies fuq il-“bus stop” u l-imputat kien ser itajjarhom. Dawn in-nies li kien ser itajjar l-imputat ma kienux ezatt fuq il-bus stop, imma ftit taht il-bus stop.

Illi xehed ukoll Joseph Zammit, l-espert tekniku, li ezamina l-van illi insteraq mill-imputat u xehed fis-sens li dan il-van ghandu valur ta’ elf u erba’ mitt lira (LM1,400). Illi l-pulizija ressqet ukoll il-prova tal-identita fir-rigward tar-recidiva tal-imputat fuq imsemmi u dana wara illi esebiet diversi sentenzi moghtija fil-konfront ta’ dan l-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi prodotti il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi u l-Qorti ghalhekk qeghda issib lill-istess imputat hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tad-9 ta’ Jannar, 2002, kif ukoll l-Artikoli 17, 20 u 31 tal-Kap. 9. Illi l-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena illi l-imputat ghandu il-fedina penali tieghu twila sitt faccati. Il-Qorti rat ukoll illi minkejja l-fatt li l-imputat gie moghti diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, huwa baqa’ ghaddej bil-hajja kriminali tieghu u ghaldaqstant ma tara l-ebda cirkostanza il-ghaliex ghandha turi xi klemenza f’dan il-kaz u tara ukoll illi issa wasal iz-zmien illi l-imputat jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta’ u ghal dawn ir-ragunijiet qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghal prigunerija ta’ sentejn li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi huwa ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------